MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Frar, 2021

Appell Numru 89/2018 LM

**Citadel Insurance plc (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Paula Jean Vella sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Paula Jean Vella (K.I. nru 6159A)**

***vs.***

**Nicholas Farrugia (K.I. Numru 319260M)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin, wieħed mill-intimat **Nicholas Farrugia (K.I. nru 319260M)** [minn issa 'l quddiem "l-intimat"], u l-ieħor mir-rikorrenti **Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Paula Jean Vella (K.I. nru 6159A) sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess**

**Paula Jean Vella** [minn issa ‘l quddiem “ir-rikorrenti”], minn lodo arbitrali numru M3979/2014 mogħti fis-26 ta’ Lulju, 2018, [minn issa ’l quddiem “il-lodo arbitrali”], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta’ Malta [minn issa ’l quddiem “iċ-Ċentru”], li permezz tiegħu ddeċida t-talba tar-rikorrenti kif ġej:

> *“... billi tilqa’ in parte t-talbiet tar-rikorrenti kif avvanzati fl-Avviż tal-Arbitraġġ datat 9 ta’ April 2014, b’dan li filwaqt li tiddikjara lil intimat Nicholas Farrugia parzjalment responsabbli għal inċident mertu ta’ dawn il-proċeduri, qiegħda tikkundanna lil intimat Nicholas Farrugia jħallas lir-rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u ħmistax-il ewro, u tmienja u disgħin ċenteżmu (Ewro 415.98c).*
>
> *Rigward l-ispejjez relatati ma’ dan l-Arbitragg, kull parti għandha terfa’ l-ispejjeż rispettivi tagħha.”*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa ’l quddiem “l-inċident”] li seħħ fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, fl-1 ta’ Ottubru, 2013, bejn il-vettura tal-għamla *Fiat Punto* bin-numru ta’ reġistrazzjoni PJV 001 misjuqa mir-rikorrenta Paula Jean Vella, u l-vettura tal-għamla *Daewoo Racer* bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBQ 617 misjuqa mill-intimat.

## Mertu

3. Ir-rikorrenti istitwew proċeduri ta’ arbitraġġ quddiem it-Tribunal permezz ta’ Avviż ta’ Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fid-9 ta’ April, 2014, fejn talbu sabiex: (a) l-intimat jiġi ddikjarat unikament responsabbli għad-danni

riżultanti mill-inċident inkwistjoni; (b) l-intimat jiġi kkundannat iħallas l-ammont ta' disa' mija wieħed u tletin Euro u sebgħa u disghin ċenteżmu, (€931.97) oltre l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħaxijiet.

4. L-intimat wieġeb permezz ta' Dikjarazzjoni ppreżentata quddiem it-Tribunal fl-24 ta' April, 2014, fejn issottometta li huwa ma kienx ikkawża l-ħsara allegatament sofferta mir-rikorrenta Paula Jean Vella u għalhekk kien qed jikkontesta l-ħtija għall-inċident inkwistjoni.

**Il-lodo arbitrali**

5. Fis-26 ta' Lulju, 2018 it-Tribunal laqa' parzjalment it-talbiet tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Illi minn analiżi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li entrambi l-partijiet ghandhom nuqqasijiet li kkontribwew għall-incident. Filwaqt li Paula Jean Vella bil-manuvra li għamlet ma urietx id-diliġenza neċessarja sabiex hija iddur fi Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra. Dan premess, entrambi l-partijiet għandhom jerfgħu r-responsabbilita għan-nuqqasijiet rispettivi tagħhom.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li l-partijiet għandhom jinżammu ugwalment responsabbli għall-incident mertu ta' dan l-Arbitraġġ."*

## L-appell

6. L-intimat ħass ruħu aggravat bid-lodo arbitrali u interpona appell fid-9 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tilqa' dan l-appell u filwaqt illi tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni arbitrali mogħtija fis-26 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet premessi fejn l-Arbitru ċaħdet parzjalment it-talbiet tal-appellati, tirriforma l-istess deċiżjoni appellata fejn ġiet attribwita parti mir-responsabbiltà tal-akkadut (fil-grad ta' 50%) lill-esponenti billi tiddikjara lir-rikorrenti-appellata Paula Jean Vella unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-proċeduri odjerni u għaldaqstant tgħaddi sabiex tiċħad t-talbiet kollha mressqa mir-rikorrenti-appellati u għalhekk tilqa' l-eċċezzjonijiet mressqa mill-esponent fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-istess rikorrenti-appellati."*

7. L-aggravju ewlieni tal-intimat huwa li peress li ma kien jirriżulta l-ebda aġir negliġenti da parti tiegħu, it-Tribunal kellu jasal sabiex jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu.

## Ir-risposta tal-appell

8. Ir-rikorrenti wieġbu fil-31 ta' Awwissu, 2018, permezz tal-preżentata ta' risposta fejn qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma l-lodo arbitrali għar-raġunijiet imfissra.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-intimat fid-dawl tal-lodo arbitrali.

10. L-intimat qed jgħid li jħoss ruħu aggravat bil-lodo arbitrali peress li ma jirriżulta l-ebda aġir negliġenti min-naħa tiegħu, u ċertament ma jistax jinstab responsabbli għall-manuvra evażiva tiegħu kkawżata mir-rikorrenta Paula Jean Vella stess. Jissottometti li ma kienx sew li ġiet attribwita lilu parti mill-ħtija għaliex *"ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manurvra li wettqet ix-xufiera l-oħra"* għaliex huwa kien sab ruħu f'stat ta' emerġenza maħluqa mir-rikorrenta Paula Jean Vella, hekk kif kien fi triqtu għad-dritt u hija qabdet u ħarġet mill-*parking bay* sabiex daret mill-ewwel għal Triq il-Majjistral. Jgħid li din kienet il-verżjoni li huwa kien ta *a tempo vergine* lill-gwardjani tat-traffiku u r-rikorrenta Paula Jean Vella stess ammettiet li kienet qabdet u ħarġet fit-triq prinċipali, imma qalet li ma kinitx rat il-vettura tiegħu. L-intimat isostni li l-verżjoni tiegħu hija waħda aktar verosimili minn dik tar-rikorrenta Paula Jean Vella, u jissottometti li skont il-ġurisprudenza tagħna, sewwieq li jkun ġie maħsud bil-manuvra ta' vettura oħra li tkun invadietlu l-karreġġjata, huwa eżonerat minn kull responsabbilità, sakemm ma jiġix ippruvat li kien hemm kontributorjetà min-naħa tiegħu għall-akkadut. Filwaqt li l-intimat iċċita ampjament minn diversi sentenzi tal-qrati tagħna in sostenn tal-argument tiegħu, sostna li mill-provi ma kienx jirriżulta li huwa b'xi mod kien negliġenti għall-akkadut, bħal pereżempju minħabba veloċità eċċessiva.

11. Ir-rikorrenti qabelxejn jissottomettu li l-appell odjern jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-fatti kif magħmula mit-Tribunal, iżda l-intimat ma wera l-ebda raġuni gravi u serja sabiex din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi kif magħmul mit-Tribunal. Fil-mertu, ir-rikorrenti jsostnu li l-intimat ma kienx mexa bid-diliġenza neċessarja fis-sewqan tiegħu, peress li huwa ma

ppruvax iwaqqaf il-vettura tiegħu. Huma jiċħdu li l-intimat kien ġie rinfaċċjat b'*sudden emergency.* Il-fatt li r-rikorrenta Paula Jean Vella ma kinitx ratu u lanqas semgħetu, u saħansitra lanqas *brake marks* ma kien hemm, juri kif il-vettura kienet qiegħda tinstab b'veloċità eċċessiva u li ma kien hemm l-ebda tentattiv ta' waqfien. Huma ma kinux ukoll qegħdin jaqblu li r-rikorrenta Paula Jean Vella ma kellhiex vista tajba għaliex kien hemm diversi kaxxi fil-vettura tagħha u x-xhieda tagħha kienet ċara meta qalet li ħarset fil-mirja. Jekk kellu jingħad li l-intimat ma kienx qed isuq b'veloċità eċċessiva, dan ċertament kien naqas milli jżomm a *proper look-out* aktar u aktar li ftit bogħod kien hemm *pelican crossing.* Jgħidu għalhekk li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu meta ddikjara lill-intimat parzjalment responsabbli.

12. Il-Qorti filwaqt li tgħid li ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal, issib ukoll li din tal-aħħar naqas fil-lodo arbitrali li jagħti motivazzjoni suffiċjenti u xierqa għad-deċiżjoni tiegħu. Hekk kif iddikjara li l-partijiet naqsu t-tnejn li huma u rrileva li *"filwaqt li Paula Jean Vella bil-manuvra li għamlet ma urietx id-diliġenza neċessarja sabiex hija iddur fi Triq il-Majjistral, Nicholas Farrugia ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident meta iffaċċjat bil-manuvra li wettqet ix-xufiera l-oħra",* ma spjegatx b'liema mod ir-rikorrenta Paula Jean Vella ma kinitx uriet id-diliġenza neċessarja u lanqas għaliex l-intimat ma kienx f'pożizzjoni li jevita l-inċident inkwistjoni. Dan kollu għalhekk jitlob li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal.

13. Kif jixhed it-*Traffic Accident Report, a tempo vergine* l-intimat qal li meta huwa *"tela' minn Triq il-Qaliet il-vettura PJV001 kienet ipparkjata ħarġet fin-nofs u qasmet minn quddiemi biex tidħol għal ġo Triq il-Majjistral",* filwaqt li r-

rikorrenta Paula Jean Vella qalet *"I was parked, I indicated out and I got out where I was parked, to go to Triq il-Majjistral and then I felt a hit on my back, and I lose control".* Minn dawn iż-żewġ verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident, il-Qorti tosserva dawn il-fatturi mportanti:

a. l-intimat ra li l-vettura tar-rikorrenta Paula Jean Vella kienet ipparkeġġjata;

b. ir-rikorrenta Paula Jean Vella mill-ewwel ħarġet lejn in-nofs tat-triq biex iddur lejn Triq il-Majjistral; u

c. ir-rikorrenta Paula Jean Vella xegħlet l-*indicator*.

14. Il-Qorti tista' tifhem ukoll minn dawn il-verżjonijiet, li l-intimat kellu l-ħin biex jara li l-vettura tar-rikorrenta Paula Jean Vella kienet ipparkeġġjata, imma l-imsemmija rikorrenta Paula Jean Vella ma tgħidx li kienet rat lill-intimat fit-triq. Meta xehdet waqt is-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2015, ir-rikorrenta Paula Jean Vella mbagħad qalet hekk: *"... the road was completely clear. I put on the indicator, the road was clear, and I drove out ... I didn't see him, I didn't hear him ...Triq il-Qaliet is a straight long road, and there are no obstructions to vision ... I confirm that prior to pulling out of the parking space, I didn't see any cars coming in either direction ... I did not hear screeching of brakes"* Min-naħa tiegħu l-intimat xehed li *"waqt li jiena kont tiela', ħarġet karozza mill-parking, liema karozza kienet fuq in-naħa tax-xellug tiegħi. Din il-karozza ħarġet u qasmet it-triq. Meta l-karozza għamlet din il-manuvra, jiena kont madwar tul ta' karozza u nofs jew żewġ karozzi 'l bogħod minnha ... Niċħad li jiena kont ħallejt xi brakemarks fit-triq".* Il-Qorti tikkonsidra dak li qal l-intimat, jiġifieri li

hu kien biss madwar tul ta' karozza u nofs jew żewġ karozzi 'l bogħod meta r-rikorrenta Paula Jean Vella għamlet il-manuvra tagħha. Tgħid li meħud inkonsiderazzjoni wkoll dak li saħansitra tikkonferma r-rikorrenta Paula Jean Vella, jiġifieri li Triq il-Qaliet hija triq dritta u twila, ma jistax jitwemmen li r-rikorrenta Paula Jean Vella kienet ħarset sew fit-triq warajha u li t-triq kienet vojta. Huwa aktar verosimili li hija kienet naqset milli tħares, jew forsi tħares sew, hekk kif hija kienet ser tittenta toħroġ fit-triq, u b'hekk kienet negliġenti fis-sewqan tagħha, b'mod li fixklet lis-sewwieq fit-triq prinċipali u ħolqot periklu serju għalih u anki għal sewwieqa oħra.[1] Inutli jkun li sewwieq jixgħel l-*indicators,* kif xehdet ir-rikorrenta Paula Jean Vella, u jagħti titwila jekk hemmx vetturi oħra ġejjin minn warajh qabel ma joħroġ fit-triq prinċipali, jekk ma jaċċertax ruħu li mhux ser ifixkel b'xi mod lis-sewwieq fit-triq prinċipali. Tali sewwieq ma jista' jagħmel l-ebda tentattiv u ma jista' jieħu l-ebda riskju sabiex joħroġ għal ġot-triq prinċipali, mingħajr ma jkollu s-serħan assolut tal-moħħ li mhux ser ikun ta' periklu għal ħaddieħor. Imma fil-każ odjern, mhux biss ir-rikorrenta Paula Jean Vella kienet ħarġet fit-triq prinċipali, billi ħasdet lill-*main-road user* u ostakolat il-passaġġ tiegħu bl-aktar mod imprudenti u mingħajr ma osservat ir-regolamenti tat-traffiku, imma jidher ukoll mill-iskizz, li wara li mxiet tul ta' bilkemm żewġ vetturi, hija kisret għal fuq il-lemin, biex b'hekk kull tentattiv tal-intimat sabiex jevita l-inċident kien wieħed inutli. Il-Qorti tgħid ukoll li fiċ-ċirkostanzi ma tistax tirnexxi d-difiża tar-rikorrenta Paula Jean Vella li l-intimat ma kienx żamm id-distanza mill-vettura tagħha u li lanqas kien attent għat-triq ta' quddiemu. Kull waħda miż-żewġ manuvri imprudenti tagħha ħasditu, u dan f'distanza tant qasira, li ma ħallietu l-ebda possibilità li

[1] Ara App. Inf. **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs. Carmen Grima**, 16.05.97.

jevita l-inċident inkwistjoni b'suċċess. Ir-rikorrenta Paula Jean Vella tissuġġerixxi li l-intimat kien saħansitra qed jagħmel manuvra ta' sorpass, liema manuvra hija pprojbita peress li kienet qiegħda ssir ftit metri 'l bogħod minn *zebra crossing,* u għalhekk bi ksur tar-regolament 184 tal-*Highway Code.* Tissottometti wkoll li tali manuvra kienet bi ksur ukoll tar-regolament 185. Il-Qorti tirrileva li ma jirriżultax li l-intimat kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass, imma l-manuvra tiegħu kienet waħda intiża sabiex jevita li jolqot il-vettura tagħha.

15. Ir-rikorrenta Paula Jean Vella tittenta tixħet it-tort għall-inċident jew parti minnu fuq l-intimat, billi tallega li huwa kien qed isuq b'veloċità eċċessiva. Imma skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna[2], huwa biss fejn il-veloċità eċċessiva tkun il-kawża tal-inċident inkwistjoni, li s-sewwieq jitgħabba bir-responsabbilità ta' dak l-inċident. Fil-każ odjern minn imkien ma jirriżulta li l-intimat kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, u r-rikorrenta Paula Jean Vella fix-xhieda tagħha saħansitra ma kellha xejn xi tgħid f'dan ir-rigward. Imma l-Qorti tqis li l-ħsara mhux daqstant kbira fil-vetturi tal-partijiet, tindika li ma kien hemm l-ebda veloċità eċċessiva min-naħa tal-intimat. L-iskizz jindika marki tal-brejkijiet li skont Warden 409 Christopher Cutajar[3], kienu jaslu sal-vettura tal-intimat, imma dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu fuq ċitata, jinnega li dawk il-marki kienu tal-vettura tiegħu u r-rikorrenta Paula Jean Vella stess tiddikjara fix-xhieda tagħha suċitata, li ma kienet semgħet l-ebda twerżiq ta' brejkijiet. Għalhekk ma tirriżulta l-ebda kontributorjetà min-naħa tal-intimat.

---

[2] *Ibid.*

[3] Seduta tat-28.10.15.

16. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tal-intimat huwa ġustifikat u tilqgħu.

## Decide

**Għar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-intimat billi tilqgħu u filwaqt li tikkonferma dik il-parti tal-lodo arbitrali fejn l-Arbitru ċaħdet parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti, tirriforma l-istess lodo arbitrali fejn ġiet attribwita parti mir-responsabbiltà tal-inċident lill-intimat, u minflok tiddikjara lir-rikorrenta Paula Jean Vella unikament responsabbli għall-inċident, u b'hekk tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**